# Użu iktar faċli tal-ATMs u magni tal-biljetti

**Qatt ħsibt li daqskemm hu faċli għalik li tmur f'ATM u tiġbed il-flus, jew tixtri biljett mill- magna, daqshekk ieħor jista' jkun diffiċli għal persuna b'diżabilità jew bi problemi ta' mobilità? Fl-Unjoni Ewropea huma biss 38% tal-ATMs li huma aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Din hija rata pjuttost baxxa meta mqabbla ma' dik ta' 61% fl-Amerka u 100% fil-Kanada.**

L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar id-diżabilità 2010-2020 tiddikjara li "l-aċċessibilità hija l-prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà u fl-ekonomija". Għaldaqstant il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tikkontribwixxi fondi għal proġett speċifiku biex dawn il-magni jkunu jistgħu jintużaw b'faċilità ikbar minn persuni b'diżabilità. Dan il-proġett jismu APSIS4all – (Accessible Personalised Services in Public Digital Terminals for all) u se jinkludi dawn l-azzjonijiet:



- Studju ma' 3000 persuna biex jiġu identifikati l-problemi li jiltaqgħu magħhom minħabba nuqqas ta' mobilità;
- L-ittestjar ta' ATMs fi Spanja u magni tal-biljetti għat-trasport pubbliku fil-ġermanja;
- żvilupp ta' sistemi ġodda addattati għall-bżonnijiet ta' kulħadd;

It-tfassil ta' standards sabiex iħeġġu lill-industrija tipproduċi magni tal-flus u tal-biljetti li huma aċċessibbli;

- L-iżvilupp ta' teknoloġija avvanzata. Eżempju ta' dan hija kard apposta li meta tqarribha lejn magna tal-flus tbiddel id-daqs tat-tipa b'mod awtomatiku.

Dawn il-miżuri mhux biss jagħmlu l-ħajja ta' persuni b'diżabilità aktar faċli, imma jagħmlu dawn is-sistemi iktar aċċessibbli għal persuni li mhumiex familjari mat-teknoloġija, dawk li għandhom diffikultà biex jaqraw u turisti li ma jkunux jafu l-lingwa lokali.

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
Tel: 2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt